Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAT-TLIETA U ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 9 ta' Frar 2011

**Ħin:** Mis-5.38pm sat-8.00pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello (wasal fis-5.48pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
L-Avukat Trevor De Giorgio
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg

Peres li s-Sindku kien għadu ma wasalx u kien hawn quorum il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu u l-laqgħa bdiet.

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tnejn u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tnejn u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 12 ta' Jannar 2011 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tat-Tnejn u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 12 ta' Jannar 2011 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tat-Tnejn u Erbgħin laqgħa Aġġornata tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tat-Tnejn u Erbgħin laqgħa Aġġornata tas-Sitt Kunsill, ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Jannar 2011 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tat-Tnejn u Erbgħin laqgħa Aġġornata tas-Sitt Kunsill, ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Jannar 2011 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**3. Mill-Minuti.**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li l-Kunsill kien għadu ma ħax deċizjoni dwar x'ser isir mill-petizzjoni li nġabret dwar *flooding* tal-Wied ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill innota li jridu jinġabru aktar firem.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi ġiet ikkuntattjata mis-Sur Zahra ta' Transport Malta dwar il-*bus shelters* li kellhom jitqiegħdu fi Triq Guze Bonnici u fil-Pjazza llum fejn ġiet infurmata li ma hemmx għalfejn isiru żewġ *bus shelters* peres li dak li jsir fil-pjazza jista jservi ż-zewġ rotot dik lejn Ta' Qali u dik lejn il-Belt. Is-Sur Zahra talab li l-*bus shelter* isir fil-pjazza, n-naha ta' l–arblu tal-bandiera u biex dan isir hemm bżonn li jitneħħew żewġ *parking bays*. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv titlob li l-*bus shelter* isir fejn llum hemm il-*bus stop, u l-parking* jibqa' kif inhu llum biex ma jintilfux *parking spaces*.

**F'dan il-ħin wasal is-Sindku li ħa s-siġġu u l-laqgħa tkompliet.**

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi baqa' l-kwistjoni tal-bank tal-*gazebo* li għad ma hemmx qbil peres li dan huwa dejjaq u l-kuntrattur qed jgħid li biex jagħmlu aktar wiesa jrid isir ħlas addizzjonali. Hija qegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill stima li pprezenta l-kuntrattur li tammonta għas-somma ta' €624 plus VAT u r-risposta li bagħtitlu li ġiet ikkuppjata lill kull kunsillier (mehmuza). Il-Kunsill unanimament qabel li jiltaqa mal-kuntrattur biex tinstab soluzzjoni u talab lis-Segretarju Ezekuttiv tħejji laqgħa.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill lli l-President accetta li l-attivita' Jum il-Ġonna u Festa Natura jsiru flimkien ma attivita' li ser jħejji fil-Gonna ta' San Anton. L-OPM accettaw t-tibdil fid-data ta' l-attivita'. Is-Segretarju Ezekutiv infurmat lill-Kunsill illi l-kordinatur ser jagħmel ix-xogħol għas-somma ta' €500 li titħallas bejn Kunsilli Lokali Ħ'Attard u Ħal Balzan. Il-Kunsill unanimament qabel li jħallas lill-kordinatur is-somma ta' €250.

5. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-*planters* ser jitqiegħdu fuq il-post fi Triq B. Bontadini nhar it-Tnejn, 14 ta' Frar 2011.

6. Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv x'inhi s-sitwazzjoni fuq il-kont tal-Perit Bezzina llum. Hija talbet tkun skuzata biex ġġib il-*file* biex tkun tista tirrispondi x'hemm pendenti. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill il-perit ipprezenta ċ-ċertifikazzjoni fuq ix-xogħol lis sar fi Triq Patri Guze Delia / Triq Kannizzata /Triq Qarċilla, għad baqalu jagħmel *release* tar-*retention* f'Ġunju 2011 wara li jagħlqu s-sentejn minn meta tlesta x-xogħol u kien hemm il-kwistjoni ta' kif jitħallas li kienet qamet sena ilu. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li l-Perit tqabbad jagħmel *contract management* u li dan jitħallas 2.45% tal-kont tal-kuntattur imma l-Perit kien żied 0.95% talli għamel *bill of quantities* u 0.95% talli mar ikejjel u dan meta bħala *contract manager* irid jkejjel biex jiċċertifika x-xogħol u hija ma kienitx approvat il-kont biex jitħallas għal din ir-raġuni, apparti l-fatt li bħala xogħol ta' *contract management* ma kienx tlesta peres li baqa' f-*release* tar-*retention*.

   Il-Kunsill unanimament qabel li jagħmel laqgħa mal-perit biex jiġi ċċarat il-mod kif jitħallas il-perit meta jagħmel xogħol ta' *contract management*

7. Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea nforma lill-Kunsill illi hemm bżonn ta' ħafna *large area patching* imma tant kien hemm li ma kienx jaf minn fejn ser jibda jkejjel. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet lill-Kunsill jagħmel laqgħa mal-Gvern Ċentrali biex jiddiskutu dawn il-bżonnijiet. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio nnota li l-alternativa l-oħra hija li napplikaw għal-

fondi biex ix-xogħol li hemm bżonn issir taħt l-iskema ta' PPP imma dan ifisser li l-Kunsilli ta' warajna jkunu marbuta biex iħallsu d-dejn u ma jkunu jistaw jagħmlu xejn. Il-Kunsill ma hax deċizjoni li ssir laqgħa mal-Gvern Ċentrali u nnota li biex jidħol għal-PPP irid ikollu somma sostanzjali biex japplika u li l-Gvern Centrali ma jagħtiex fondi biex tiġi mibnija t-triq imma biss għal *resurfacing* u fil-kaz ta' Ħal Balzan hemm toroq mibnija fuq il-ħamrija.

## 4. Korrispondenza.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn it-13 ta' Jannar 2011 u d-9 ta' Frar 2011 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ipprezentata li ġġib id-data tad-9 ta' Frar 2011 (mehmuz).

**Ittra Numru 139/11:** L-emajl mill-AKL dwar ħlas ta' ċitazzjonijiet fil-Kunsilli Lokali ġiet innutata.

**Ittra Numru 140/11:** L-emajl mill-AKL dwar il-Proġett EDEN ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekutiv infurmat lill-Kunsill illi hija rrispondiet lill-Kumitat Reġġjonali Ċentrali dwar il-postijiet li ġew regenerati f'Ħal Balzan.

**Ittra Numru 128/11:** L-istedina biex ninnominaw persuna għal-Nazzareno Vassallo Award for initiatives in Elder Care ġiet innutata.

**Ittra Numru 127/11:** Il-permess ta' Transport Malta dwar *Single Yellow Line* fi Triq Antonio Bosio ġie nnutat. Is-Sindku nnota li qabel ma jinzebgħu l-linji l-Viċi-Sindku għandu jikkonsulta mar-residenti għax ser jintilef il-*parking* ladarba t-triq għadha mhiex miftugħa.

**Ittra Numru 119/11:** Ir-risposta tal-kuntrattur M-Quip dwar il-bank tal-gazebo ġiet innutata. Ara deċiżjoni aktar kmieni waqt il-laqgħa.

**Ittra Numru 118/11:** L-istedina għal-laqgħa mill-Assistant Kummissarju R. Zammit ġiet innutata. Il-Kunsill talab tirrispondi illi l-Kunsill lest li jagħmel laqgħa f'data konvenjenti għal-Ass. Kummissarju.

**Ittra Numru 116/11 u 89/11:** L-emajl mill-Kunsillier G. Borg dwar laqgħa mal-Kap ta' l-iskola dwar il-librerija pubblika ġiet innutata. Il-Kunsillier G. Borg informa lill-Kunsill illi l-Kunsilli talbu kopja tal-kuntratt tal-librerija u kif tasal il-kopja ssir laqgħa bejn il-Kunsill.

**Ittra Numru 115/11:** L-emajl tas-Sur Bezzina dwar il-ktieb tiegħu dwar Ħal Balzan ġiet innutata. Il-Kunsill innota li ma jistax jagħti donazzjonijiet skond il-liġi imma jista jikkunsidra li jagħmel il-pubblikazzjoni hu bħal ma sar fil-passat bil-ktieb ta' Rev. Dun Gwann Dimech "Ħal Balzan".

**Ittra Numru 114/11, 141/11 u 142/11:** L-emajl tas-Sur Camilleri dwar xogħol ta' kordinament ta' l-attivita' Jum il-Ġonna ġiet innutata. Ara deċiżjoni aktar kmieni waqt il-laqgħa.

**Ittra Numru 113/11:** L-ittra tal-MEPA dwar stedina għal-laqgħa dwar l-*istorm water tunnels* ġiet innutata.

**Ittra Nurmu 112/11:** L-emajl ta' M-Quip dwar il-gazebo ġiet innutata. Ara deċiżjoni aktar kmieni waqt il-laqgħa.

**Ittra Numru 99/11:** L-emajl mill-MEPA dwar l-ammont ta' fondi li l-Kunsill jista juża mill-Urban Improvement Fund huwa €50,261.84, ġiet innutata.

**Ittra Numru 98/11:** L-ittra ta' Transport Malta dwar *Road Hump* fi Triq San Valentinu li ġiet miċħuda ġiet innutata. Transport Malta ssuġġeriet li titqiegħed tabella "Stop" mar-*road-markings* li hemm fuq il-post.

**Ittra Numru 96/11:** L-ittra ta' Transport Malta dwar *Priority Sign* in Triq Guze Bonnici ġiet innutata. Il-Kunsill innota li l-proposta ma tikkunsidrax l-karozzi tal-linja li jgħaddu minn Triq Guze Bonnici fi triqthom lejn il-Belt. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tiġbed l-attenzjoni għal dan il-fatt.

**Ittra Numru 83/11**: L-istedina għal-Seminar LIFE+2011 ħiet innutata. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio ser jattendi jirrapprezenta lill-Kunsill.

**Ittra Numru 82/11:** Memo 9/2011 dwar għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilita' ta' librerija lokali ġiet innutata.

**Ittra Numru 75/11:** Il-permess ta' Transport Malta dwar *Timed Communal un/loading bay in Balzan Valley,* Balzan ġiet innutata.

**Ittra Numru 74/11:** Memo 8/2011 dwar Ikliet/Riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali ġiet innutata.

**Ittra Numru 71/11:** Memo 7/2011 dwar Reviżjoni fl-Onorarja ġiet innutata.

**Ittra Numru 68/11 u 63/11:** Memo 6/2011 dwar Struzzjonijiet dwar l-Attivitajiet parzjalment finanzjati mill-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet u l-ittra ta' ftehiem dwar fondi li ngħataw ġew innutati.

**Ittra Numru 64/11:** L-emajl ta' Dr. T. DeGiorgio dwar ħaddiema li ma telawx jiffirmaw ġiet innutata.

5. **<u>Kommunikazzjoni tas-Sindku.</u>**

1. Il-Viċi-Sindku nnota li tella' l-uffiċċju l-iskeda ta' meta titnaddaf il-latrina u kien hemm dati li ma kienux ġew iffirmati u huwa għamel sinjal bl-aħmar biex juri li ma kienux ġew mimlija. Huwa talab lis-Segretarju Ezekuttiv tibgħat *default notice* lill kuntrattur.

2. Il-Viċi-Sindku nnota li s-Segretarju Ezekuttiv kienet għaddiet xi kummenti dwar il-karru li ma nstabx fl-istore tal-Kunsill. Huwa qal li l-karru ntrema s-sena li għaddiet għax kien miksur u l-ħaddiema kienu lesti jieħdu affidavit li dan intrema meta kienu qed jagħmlu xogħol fuq il-bankina fi Triq it-Tliet Knejjes. Hawnhekk is-Segretarju Ezekuttiv innutat li għamlet rapport lis-Superintendent dwar dan mhux għaddiet kumment biss peres li kienet inġibdet l-attenzjoni tagħha dwar dan u materji oħra u issa kienet qed tistenna li ssir investigazzjoni. Hija nnutat li l-assi tal-Kunsill ma setgħux jintremew u huwa kif ukoll il-ħaddiema tal-Kunsill kienu jafu dan tajjeb peres li kollha ġejjin minn dipartimenti tal-Gvern. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-aħħar li rat il-karru kien s-sena li għaddiet meta l-ħaddiema kienu qed jirrangaw l-istore u kien qed jistrieh mal-bieb fuq in-naħa ta' ġewwa.

   Is-Sindku ppropona li jsejjaħ lill-ħaddiema biex jagħmlu *statement* u jiffirmawh nhar it-Tnejn, 14 ta' Frar 2011 fit-3.00pm biex ma jagħmlux spejjes bla bżonn. Il-Kunsill qabel unanimament.

3. Is-Sindku nnota li ż-żuntier tat-Triq Knejjes kellu ħafna ħażiż u kien hemm bżonn li jitnaddaf b'mod li ma ssirlux ħsara. Il-Viċi-Sindku ser iqabbad il-ħaddiema jneħħu l-kaxix il-kbir bl-idejn u s-Segretarju Ezekuttiv ser tinforma lill min għamel ir-restawr sabiex tieħu parir dwar kif l-aħjar li jitnaddaf biex ma ssirx ħsara.

**6. <u>Rapport Finanzjarju Annwali għas-sena 2010.</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi r-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2010 ser jiġi pprezentat fil-laqgħa li jmiss għax l-*accountant* ma kellux ċans jagħmel l-emendi mitluba mill-awditur.

**7. <u>Rapport Finanzjarju għat-Tlett xhur Ottubru – Diċembru 2010.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Ottubru – Diċembru 2010 (mehmuz). Kopja tar-rapport ingħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Ottubru – Diċembru 2010 kien propost għall-approvazzjoni mill-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio. Ir-rapport ġie approvat unanimament u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

**8. <u>Diskussjoni dwar l-kwotazzjonijiet li ntefgħu għar-Restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija –S.M.3/10.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed l-*file* li fih l-iskedi tal-kwotazzjonijiet li ntefgħu fir-rigward tar-restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija (mehmuz). Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li talbet *bid bond* mal-kwotazzjoni, liema *bid bond* ingħatatx u li l-*iscaffolding* irid jiġi pprovdut mill-Kunsill flimkien ma l-elettriku u l-ilma li jkun hemm bżonn. Is-Sindku nnota li *maintenance costs* ma ġewx inkluzi u dan irid jiġi diskuss ukoll. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa ma min tefa' l-kwotazzjoni biex niddiskuta aktar fid-dettal.

Il-Kunsill innota li ladarba għandna kwotazzjoni, il-Kazini tar-raħal jistgħu jitolbu fondi mill-*Good Causes Fund* biex ikun jista jsir ix-xogħol. Il-Kunsillier G. Borg għandu jieħu ħsieb jitkellem mal-Kazini.

**9. <u>Diskussjoni dwar l-kwotazzjonijiet li ntefgħu għal-Wireless CCTV camera Ġnien Joseph A. Stellini – W.C. 1/10.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed l-*file* li fih l-iskedi tal-kwotazzjonijiet li ntefgħu fir-rigward tal-Wireless CCTV camera (mehmuz). Il-Kunsill innota li l-unika kwotazzjoni li ntefgħet ma kienitx għal-*wi-fi cctv* imma għal-*camera* normali għaldaqstant irridu naraw fejn inqiegħdu d-*dvd recorder* biex ma ssirlux ħsara u li s-sistema tkun aċċessibbli mill-uffiċċju. Il-Kunsill ser jiddiskuti l-kwotazzjonijiet fil-laqgħa li jmiss.

**10. <u>Kunsill Lokali Żagħżagħ.</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li l-Kunsill Lokali Żgħażagħ kien qed jiltaqa kull nhar ta' Erbgħa imma ma kienx bagħat minuti formali biex tipprezenthom lill-Kunsill. Dr T. DeGiorgio informa lill-Kunsill illi ġiet imħawla siġra bħala tifkira ta' l-Ewwel Kunsill Lokali Żgħażagħ Ħal Balzan.

**11. *Claims* dwar ħsarat.**

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill *claim* numru 28. Il-Kunsill unanimament qabel li mhux ħati ta' negliġenza peres li l-ħofor saru bil-maltemp fi tmiem il-ġimgħa u l-Kunsill bagħat il-ħaddiema jirrangaw l-ewwel ħaġa filgħodu nhar it-Tnejn, għaldaqstant mhux responsabbli għal-ħsara li ġarbet il-vettura. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tibgħat risposta f'dan is-sens.

**12. Rapport dwar l-ilmenti.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti li jġib id-data tad-9 ta' Frar 2011 (mehmuz). Ir-rapport ta' l-ilmenti ser jiġi diskuss waqt il-laqgħa li jmiss.

**13. Approvazzjoni biex isir il-ħlas.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tad-9 ta' Frar 2011 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €29,108.09 u r-rapport tal-*petty cash* għax-xahar ta' Jannar 2011 li jammonta għas-somma ta' €20.27.

L-iskeda ta' ħlasijiet u x-xiri li sar mill-*petty cash* kienu proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi- Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet u l-ħlas li sar mill-*petty cash*. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**14. Affarijiet Oħra.**

1. Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti ta' laqgħa li saret ma rapprezentanti tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard dwar Jum il-Ġonna (mehmuza).

2. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio nforma lill-Kunsill illi studenti Spanjoli u Germanizi kienu qed iqajmu lir-residenti bi storbju fis-2.30am. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv tiġbed l-attenzjoni tal-Pulizija biex jagħmlu ronda.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 23 ta' Frar 2011 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

Data